# REĊENSJONI

**ĠABRA TA' POEŻIJI GĦAT-TFAL** — Minn R. Vella Tomlin, bi Prefazzjoni fuq "L-Poeżija fl-Iskejjel", mill-Prof. J. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). — Thos. Formosa & Son, Malta, 1952. pp. 1-168.

Din tista' tgħid, wara l-ġabra ċkejkna ta' Poeżiji Maltin għall-Iskejjel Primarji magħmula minn Dr. Kan. P. Pullicino (1852-1864), hi l-ewwel ġabra ta' poeżiji Maltin li tista' tissejjaħ bl-isem ta' Antoloġija ta' Versi Maltin maħsuba għat-tfal, u ngħidu "maħsuba għat-tfal", għax dan hu, milli jidher, il-ħsieb ewlieni tal-kompilatur, għalkemm forsi, f'xi bnadi, dan il-ħsieb ma seħħlux għal kollox.

Biex tagħżel versi għat-tfal ma hix ħaġa hekk ħafifa daqs kemm wieħed jista' jaħseb; barra milli l-kompilatur kellu jġarrab sabar u sagrifiċċji, u xi ftit tat-tisfiq ta' wiċċ ukoll (li f'demmu u ħiltu ma naqsu qatt meta tiftakar li hu bin l-imsemmi Surmast E.B. Vella, l-ewwel kompilatur ta' kotba tal-Qari bil-Malti għat-Tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern skond is-sistema l-ġdida tal-"Għaqda"), kellu wkoll, kif għandna naħsbu, iħaddem moħħu b'sens ta' kriterju artistiku u fl-istess ħin pedagoġiku fil-għażla tal-poeżiji.

Il-ktieb hu mqassam taħt sitt irjus: kull waħda mir-rjus turi b'isimha x-xorta ta' versi fis-suġġett tagħhom, u jagħlaq bi tliet Werrejja li juru, wieħed wara l-ieħor, l-"Ismijiet tal-Poeżiji", "Il-Poeti", u "L-Ewwel Versi ta' Kull Poeżija", skond il-metodu ta' l-antoloġiji moderni Ingliżi.

L-antoloġija tiġbor fiha versi ta' poeti li għandhom isem kif ukoll ta' oħrajn li għad ikollhom isem, għax jew iż-żmien jew is-sengħa bikrija lil dawn ta' l-aħħar ma laħħquhomx f'dak il-grad tal-magħrufin. B'danakollu, u, għalkemm bħalma stqarr il-Professur Aquilina fil-Prefazzjoni li għamel f'dan il-ktieb "ħafna drabi wkoll xi qabbiel inġenjuż jista' jlaħħaq ma' l-immaġinazzjoni taż-żgħar aktar milli l-poeta li jtir fil-għoli", aħna naħsbu li, wara li wieħed jifli bir-reqqa (kif ukoll mingħajr reqqa), il-valur tekniku ta' xi poeżija 'l hawn u 'l hinn, f'dan il-ktieb, għandu jsib li din ma tantx iżżid fil-preġju ta' l-antoloġija għat-Tfal ta' l-Iskola, u li mingħajrha forsi x-xogħol tal-kompilazzjoni kien ikollu iżjed mertu fis-selezzjoni.

Teħodha kollha kemm hi din l-antoloġija bħala l-ewwel xogħol ta' din il-qatgħa fil-kamp ta' l-istoria letterarja tal-Ilsien Malti mhux ta' min jmeqdarha: xejn xejn hija bidu ta' ħidma kbira li jistħoqqilha inkoraġġiment u tifħir. Jisgħobbina li 'l hawn u 'l hinn xi għaltijiet ortografiċi, li mhux kollha tista' tgħaddihom żbalji ta' l-istampa, idennsu xi ftit il-preġju letterarju ta' dan ix-xogħol, u nixtiequ li f'edizzjoni oħra, għall-ġieħ tal-kompilatur u ta' l-editur, ma jibqgħux jidhru. Hekk ukoll insibu li l-isem ta' xi awtur xi mindaqqiet jidher b'mod differenti minn dak li bih hu magħruf testwalment. B'danakollu aħna b'qalbna kollha nixtiequ li din l-antoloġija ġdida kull riżq f'idejn it-tfal ta' l-iskejjel tagħna li minnha għandhom jerdgħu l-ewwel ħalib bnin tal-Musa Maltija.

***



# WERREJ TAS-SENA 1952

———

faċċ.

**Abela, Ġużi**
*Morna għall-Bebbux* ... ... ... ... ... ... ... 55

**Aquilina, Pawlu**
*Ward fuq Qabri* ... ... ... ... ... ... ... ... 59

**Azzopardi, Ġeraldu**
Meta Ommi kellha Lili ... ... ... ... ... ... ... 93

**Barbara, Patri Val. V., O.P.**
*Nhar San Duminku* ... ... ... ... ... ... ... 61
Il-Warda tar-Rużarju ... ... ... ... ... ... ... 71

**Biancardi, Nikol**
L-Ortografija tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... 40

**Briffa, Dr. Ružar, B.Sc., M.D.**
*Il-lum u l-bieraħ* ... ... ... ... ... ... ... ... 42

**Camilleri, Dun Frans**
*Imħabba u Lwien* ... ... ... ... ... ... ... 39
*F'Mewt Missieri* ... ... ... ... ... ... ... ... 78
*Lill-Baħar Mediterran* ... ... ... ... ... ... ... 104

**Caruana, Vincent**
*Imħabba taħt Siġra* ... ... ... ... ... ... ... 55
Proverbji Foloz ... ... ... ... ... ... ... ... 105

**Cassar Pullicino, Ġużè**
Traduzzjoni minn Camoens bil-Malti ... ... ... ... 44

**Cassola, Albert M.**
Malapropismi fl-Ilsien Malti ... ... ... ... ... ... 79

**Chetcuti, Ġużè**
*Il-Għanja ta' Lourdes* ... ... ... ... ... ... ... 90

**Cremona, A.**
Lingwistika u Folklore ... ... ... ... ... ... ... 86

**Editur**
Preżentazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... ... 3
Pranzu b'ġieħ Dun Karm Psaila, D. Litt ... 20
u l-Kav. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H. ... ... 33
Sursum Corda ... ... ... ... ... ... ... ... 54
L-Alfabet tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ...62-104
Kronaka tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ... 65
Il-Meċenati tal-Malti ... ... ... ... ... ... ... 69
Ugo Muscat-Azzopardi ... ... ... ... ... ... ... 97
L-Istudju tal-Malti ... ... ... ... ... ... ... 103
Il-Mewt ta' Mons. Kant. Dun Pawl Galea, J.C.D.